# IDEJN L-IMGHALLEM

## (1)

*Miżrugħa l-iskalora*
*Kif tmut tifrex l-egħruq;*
*Jitrabba qajl-qajl magħleb*
*U jitla' 'l fuq, 'il fuq.*

*U jibqa' tiela', tiela'*
*Iz-zokk jitwal daqs stwiel,*
*W iżomm dritt sew bħal xemgħa*
*La 'l hawn la 'l hinn ma miel.*

*Diż-żergħa ta' skalora,*
*Għid jekk setax isir,*
*Li tgħix u tbid taħt l-art?*
*Tinġabar f'dat-tkasbir?*

*Kbir Int Mulej u Lilek*
*Kull sebħ u kull tifħir!*

## (2)

*Intradmu tal-patata*
*L-egħkiesi ġol-ħamrija;*
*Iberkel f'nofshom magħleb*
*W ibid f'art imsoqqija,*
*Patata b'sitt egħkiesi*
*U trodd, disgħin jew mija!*

*U dawn il-mitt patata*
*Marbuta ma' l-egħruq,*
*Għid jekk setgħux joqogħdu*
*Miz-zokk iħarsu 'l fuq?*
*Kbir Int bla tarf, tal-għaġeb!*
*Int Ġmiel u m'għandekx Tluq!! (1).*

R. M. B.

---

(1) Tluq: Bidu.